Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

Data tal-laqgħa: 26 ta' Lulju 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

49.1.1 Is-Sindku infurma li l-Viċi Sindku ser tkun qed tasal tard għal-laqgħa minħabba impenji oħra u għalhekk ġiet skużata.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

49.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 47 u ta' Laqgħa Urġenti Nru. 48. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

49.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kienet issekondata mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 49.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

49.3.1 Para 48.3.1 – Statwa Santa Marija
Is- Sindku infurma li l-permess mill-PA għar-restawr ħareġ. Is-SE infurmat lix-xogħlijiet qed jiġu skedati li jibdew għal nofs Awwissu.

49.3.2 Para 48.4.1 – Korsijiet TCTC
Is-Sindku infurma li l-*fliers* ġew printjati u ser jiġu mqassma mill-ħaddiema tal-Kunsill għal Awwissu.

49.3.3 Para 48.3.3 – Tneħħija ta' Ġebla antika fi Triq Il-Kbira k/m Triq Santa Marija
Is-SE infurmat li din il-kwistjoni qed tiġi diskussa bejn il-Perit u l-Avukat tal-Kunsill. Kien hemm qbil li nilħqu ftehim mal-Kappillan biex isir ix-xogħol neċessarju min-naħa tiegħu (peress li l-proprjetà fejn hemm il-ġebla hi tal-Kappillan), bl-ispiża titħallas mill-Kunsill (peress li hija kwistjoni ta' *public safety)*. Is-Sindku ser jieħu ħsieb ikellem il-Kappillan.

49.3.4 Para 48.5 – Mwejjed u siġġijiet
Is-SE infurmat li l-avukat tal-Kunsill kitbet lill-MTA sabiex jipprovdulna lista aġġornata tal-permessi ta' mwejjed u siġġijiet quddiem stabbilimenti kummerċjali.

## 49.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

49.4.1.1 Stat ta' toroq f'Ħal Balzan
Is-Sindku infurma li reġa' bagħat reminder lill-Ministru kkonċernat u kkopja lis-CEO ta' IM, is-Sur Ivan Falzon dwar l-istat ta' numru ta' toroq f'Ħal Balzan.

49.4.1.2 Is-Sur Falzon infurmana li fix-xhur li ġejjin ser ikunu qed jikkonsultaw magħna biex jiġi iffinalizzat pjan ta' ħidma għal-lokalità.

49.4.2.1 *Cul-de-sac* fi Vjal Sir M A Refalo
Is-Sindku infurma li residenta qed titlob li jsir xi ħaġa int u ħiereġ mill-*Cul-de-sac* peress li qed ikun ta' periklu minħabba karozzi li jkunu pparkjati ħażin b'tali mod li jimblokkaw l-aċċess. Dan qed joħloq *blind spot* għal min ikun ħiereġ mill-*Cul-de-sac*.

49.4.2.2 Il-ħaddiema tal-Kunsill se jaraw x'jista' jsir.

49.4.2.3 Il-Kunsillier Andrè Grech qal li dawn l-irregolaritajiet qed isiru madwar ir-raħal kollu u kien hemm qbil li din il-kwistjoni tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

49.4.3 *No Parking Notices*
Is-Sindku għamel referenza għad-deċiżjoni tal-qorti, fejn iddikjarat in-*No Parking signs* kollha tal-permessi li joħroġu l-Kunsilli Lokali bħala illegali. Din id-deċiżjoni ġiet appellata u għalhekk id-deċiżjoni ma tidħolx fis-seħħ sakemm jinqata' l-appell. Is-SE infurmat li bħala uffiċċju għandna struzzjonijiet biex, sakemm jinħareġ avviż ieħor, nibqgħu noħorġu t-tabelli bħas-soltu.

49.4.4 *Website* tal-Kunsill
Is-Sindku infurma li Webee qed jaħdmu fuq disinn ġdid għall-*website* tal-Kunsill, li ser tkun lesta fiż-żmien li ġej.

49.4.5.1 Laqgħa mal-ERA dwar siti tal-*B-I-S*
Is-Sindku infurma lill-Kunsill bil-laqgħa li kellu mal-ERA flimkien mas-SE dwar is-siti tal-*B-I-S.* Skond il-liġi, f'Ħal Balzan irid ikun hemm żewġ (2) siti. Peress li f'Ħal Balzan m'hawnx aktar żoni fejn jista' jsir *B-I-S* mingħajr ma jinħoloq inkonvenjent għar-residenti (għax Ħal Balzan m'hawnx aktar żoni mhux mibnija), kien hemm qbil mal-ERA li jsiru żewġ (2) siti fl-istess triq. Dan billi l-konteni turi li hemm bħalissa f'nofs Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina, jitpoġġew nofshom f'k/m Triq Idmejda u nofshom f'k/m Triq Birbal.

49.4.5.2 Il-Kunsill approva. Is-SE ser tagħmel kuntatt mal-GreenPak sabiex jagħmlu l-arranġamenti neċessarji biex jitressqu l-konteni turi fiż-żoni l-ġodda. Ser isir arranġament biex is-*CCTV* preżenti tersaq ma' sit wieħed u l-GreenPak jipprovdu *CCTV* oħra għal mas-sit l-ieħor. Apparti minn hekk, ser tiġi estiża l-bankina biex il-konteni turi jinħarġu ftit 'il barra.

49.4.5.3 Is-Sindku infurma wkoll li l-ERA ikkonfermaw li m'hawn l-ebda Kunsill li huwa eżentat milli jkollu minn tal-inqas sit wieħed fil-lokalità. L-ammont ta' siti huwa ikkalkulat skond in-numru ta' residenti fil-lokalità.

## 49.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

49.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 49.6 Rapporti

49.6.1 Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart tas-sena 2021 u l-ewwel u t-tieni kwart tas-sena 2022
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapporti Finanzjarji:
1. Għar-raba' kwart minn Jannar sa Diċembru 2021;
2. L-ewwel kwart minn Jannar sa Marzu 2022; u
3. It-Tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2022.

Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet u rrispondiet xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

49.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Andrè Grech, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament.

## 49.7 Riżenja ta' skrivana

49.7.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-iskrivana Claudine Hundsrucker tat ir-riżenja tagħha. Il-Kunsill unanimament approva biex immedjatament jibda l-proċess għall-ingaġġ ta' skrivan (skala 15 – *full-time*) biex jissostitwixxi l-iskrivana li ser titlaq. Is-SE se tikteb lid-DGL biex jinħareġ il-permess sabiex jibda l-proċess.

49.7.2 Is-SE infurmat li l-iskrivana qed titlob li taħdem inqas mill-perjodu tad-90 ġurnata *notice,* li jgħaddi fil-25 ta' Settembru 2022.

49.7.3 Is-SE infurmat ukoll li l-impjegata tal-RSSL li kellha tiġi sekondata mal-Kunsill mhux ser tkun qed tiġi għax il-kumpanija infurmatna li t-trasferiment tagħha jinsab miżmum. Kien hemm qbil li niċċekkjaw mal-kumpanija CWSEF biex naraw jekk għandhom lil xi ħadd li jista' jiġi sekondat magħna.

49.7.4 Il-Kunsill qabel ukoll li niċċekkjaw dwar kull possibiltà li teżesiti sabiex tiġi *replaced* Claudine, anka b'mod temporanju. F'dak il-każ il-Kunsill qed jaqbel li tkun tista' tieqaf qabel il-perjodu tat-tmiem.

## 49.8 SPI/SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*playing fields* - Implimentazzjoni

49.8.1 Is-Sindku infurma li ġiet ordnata l-*play structure* hekk kif ġie approvat mill-Kunsilliera permezz ta' *email*.

49.8.2 Is-SE infurmat li ġabet approvazzjoni mid-DGL biex il-proġett jiġi estiż b'xahar sal-aħħar ta' Settembru 2022.

49.8.3 Is-Sindku talab li jiġu mħawwla aktar fjuri u pjanti fil-ħamrija tal-bandli.

## 49.9 Skemi Finanzjarji

49.9.1.1 <u>Skema Finanzjarja - Għajnuna lill-NGOs</u>
Ġiet innutata Skema Finanzjarja maħruġa mir-Reġjun Tramuntana. Kull Kunsill fi ħdan ir-Reġjun jista' jibbenefika €3,000 biex tintuża biex tassisti NGOs reġistrati biex jorganizzaw attivitajiet u proġetti relatati mal-komunità fil-lokalità.

49.9.1.2 Kien hemm qbil li ninfurmaw lill-Każini tal-Banda u tal-Football biex jekk huma interessati jibgħatulna l-proposti tagħhom sa qabel il-laqgħa li jmiss.

49.9.2 <u>SPI/SCI/07/2022 – Espressjoni ta' interess: *World Cleanup Day Campaign 2022*</u>
Ġiet innutata Skema SPI/SCI/07/2022 maħruġa mid-Direttorat għall-Gvern Lokali.

49.9.3 <u>SPI/SCI/08/2022 – Espressjoni ta' interess: Finanzjament Milied 2022</u>
Ġiet innutata Skema SPI/SCI/08/2022 maħruġa mid-Direttorat għall-Gvern Lokali.

49.9.4 Il-Kunsill qabel li japplika għal dawn iż-żewġ skemi dejjem jekk ir-Reġjun Tramuntana ma japplikawx f'isem il-Kunsill li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun.

49.9.5 Is-Sindku talab li fil-laqgħa li jmiss jiġi diskuss id-dawl dekorattiv għal żmien il-Milied. Sal-laqgħa li jmiss, is-SE ser tilħaq iġġib kwotazzjonijiet.

## 49.10 Ġieħ Ħal Balzan 2022

Din l-*item* se tiġi diskussa aktar tard x'ħin tasal il-Viċi Sindku.

## 49.11 Bankina fi Triq iz-Zekkuk u Triq Idmejda

49.11.1 <u>Triq iz-Zekkuk</u>
Is-Sindku semma l-istat diżastruż tal-bankina fi Triq iz-Zekkuk u ssuġġerixxa li ssir mill-ġdid għax qiegħda ta' periklu. Il-Kunsill approva li jsiru. Is-Sindku talab li ninfurmaw lill-Perit tal-Kunsill biex jipprepara stima tax-xogħlijiet biex inkunu nistgħu noħorġu sejħa għall-offerti.

49.11.2 <u>Triq Idmejda - Bankina</u>
Issemmiet ukoll il-bankina fi Triq Idmejda. L-istat tal-bankina iggrava wara li saru x-xogħlijiet mill-WSC. Kien hemm qbil li ssir mill-ġdid mill-Kunsill. Dan għaliex li kieku ġew *re-instated* mill-WSC għal kif kienu qabel, xorta jibqgħu ta' periklu. Ser ninfurmaw lill-Perit tal-Kunsill jagħmel stima biex noħorġu sejħa għall-offerti. Il-Kunsill qabel li l-bankina ssir skond kif jirrakkomanda l-Perit.

## 49.12 Aġġornament fuq Triq Idmejda

49.12.1 Is-Sindku semma l-istat diżastruż li tħalliet Triq Idmejda wara x-xogħlijiet li saru mill-WSC. Qal ukoll li kiteb biex jinfurma diversi drabi lill-Inġ. Pierre Cassar però x-xogħol qatt ma sar.

49.12.2 Kien hemm qbil li nibgħatu ittra legali lill-WSC biex ninfurmawhom li jekk mhux ser ssir min-naħa tagħhom, ser ssir mill-Kunsill għas-spejjeż tagħhom.

## 49.13 Aġġornament fuq Triq il-Qarċilla

49.13.1 Is-Sindku talab li niċċekkjaw mal-Perit biex naraw f'hiex wasal id-dokument biex tinħareġ is-sejħa għall-offerti biex ikun jista' jibda l-proġett.

## 49.14 Bankini ġodda

49.14.1 Din it-tema diġà ġiet diskussa taħt item 49.11.

## 49.15 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

49.15.1 Kwotazzjonijet għas-servizz ta' ġbir ta' flus mill-uffiċċju
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għas-servizz ta' ġbir ta' flus mill-uffiċċju. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas kwotazzjoni Security Services Malta Ltd.

49.15.2 Kwotazzjonijet għas-servizz ta' DPO
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għas-servizz ta' DPO għal perjodu ta' sena. Il-Kunsill unanimament approva l-unika kwotazzjoni li rċieva, tas-Sur Adrian Mifsud, f'isem BOOM Consultancy & Advisory Services.

49.15.3 Kwotazzjonijiet għall-kiri ta' trasport
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għall-kiri ta' *coaches* u *mini buses* għall-ħarġiet li jiġu organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill irrimarka li ħafna mill-ħarġiet isiru f'lokalitajiet il'bogħod minn Ħal Balzan u għalhekk unanimament approva l-offerta ta' Paramount Coaches.

49.15.4.1 Ċirkulari AKL 2022/072 – *European Week of Regions and Cities*
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2022/072 mibgħuta mill-AKL. Is-SE infurmat li l-Viċi Sindku, kif ukoll il-Kunsillier Stephen Gatt, urew ix-xewqa li jattendu ġewwa Brussel. Il-Kunsill approva li l-ispejjeż tat-titjira jitħallsu mill-Kunsill.

49.15.5.1 Plakka tal-isem tat-triq fi Triq B. Bontadini
Resident qed jerġa' jilmenta fuq il-plakka tal-isem tat-triq li hemm imwaħħla maċ-ċint fil-kantuniera ta' Triq B. Bontadini. Ir-resident qed jitlob li titwaħħal mal-faċċata tar-residenza minn flok maċ-ċint għax skond hu, ma tidhirx.

49.15.5.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-plakka tibqa' fejn hi.

49.15.6 Ostaklu tal-entratura ta' residenza fi Triq Santa Marija
Residenta qed titlob li jsir dyl mal-ġenb tal-bieb tar-residenza tagħha nru. 9 fi Triq Santa Marija peress li qed jipparkjaw b-tali mod li jostakolawlha l-aċċess. Il-Kunsill ser japplika ma' TM.

49.15.7.1 Talba biex issir CCTV fejn il-Conveniece f'Wied Ħal Balzan
Residenta qed titlob li ssir CCTV fejn il-Convenience f'Wied Ħal Balzan. Dan biex vetturi jiġu mħarrka appena jieqfu jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet f'din iż-żona.

47.15.7.2 Il-Kunsill huwa konxju tal-problema, però ġie irrimarkat li *camera* m'hiex se ssolvi l-problema ta' parkeġġ quddiem il-garaxxijet. Is-Sindku semma l-i*stickers* ipprovduti mill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, li jitpoġġew quddiem il-garaxxijiet fl-istess lokalità. IL-Kunsill approva li jagħmel dawn it-tip ta' *stickers* biex jingħataw lir-residenti biex jitpoġġew quddiem garaxxijiet li għandhom din il-problema.

**F'dan il-ħin (5.30pm) il-Kunsillier Andrè Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

47.15.8.1 Bozoz mal-faċċata ta' Benrikville
Sid il-binja qed joġġezzjona li bozza tat-triq terġa' teħel lura mal-faċċata fi Triq Wiġi Ebejer, peress li ma jridx *wires* mal-faċċata. Il-bozza ta' Triq l-Annunzjata qed jaċċetta li terġa' teħel u ta' Triq Wiġi Ebejer qed jissuġġerixxi li teħel mal-ħajt tal-proprjetà ta' faċċata tiegħu. Ġie rrimarkat li qabel ma waqgħet il-binja, sar ftehim bil-miktub, fejn qed jiġi maqbul li l-bozoz jerġgħu jeħlu fejn kienu, meta tinbena l-blokka. Is-SE spjegat li dawn ma jistgħux jeħlu fuq arblu peress li lanterni.

47.15.8.2 Il-Kunsill qed jinsisti lis-sid għandu jonora l-ftehim. Is-sid ser jiġi nfurmat. Il-Kunsill qabel li jekk jibqa' joġġezzjona, nibgħatulu ittra legali.

F'dan il-ħin (5.37pm) daħlet il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa għal-laqgħa.

47.15.9.1 Ismijiet ta' toroq
Resident qed jissuġerixxi li għandhom jinbidlu l-ismijiet ta' tliet toroq fejn Triq l-Għerusija tissemma għal Triq Il-Konti Bernardo Manduca, Triq il-Karenza issir Triq il-Mons. Dun Gwann Dimech u Triq il-Paguni tissemma għal Triq Gabriel Caruana. Is-Sindku spjega li skond il-linji gwida għat-tismija ta' toroq, f'każi eċċezzjonali biss għandu jkun hemm bdil fl-isem u ma jiġix aċċettat bdil fl-isem mingħajr raġuni valida.

47.15.9.2 Ġie rrimarkat li meta jinbidel isem ta' triq din taffettwa lir-residenti tal-istess triq peress li jkunu jridu jagħmlu diversi tibdiliet mal-banek, kontijiet, karta tal-identità, etc. Għalhekk il-Kunsill qabel li niktbu lir-residenti tat-toroq ikkonċernati biex ninfurmawhom b'dan is-suġġeriment u jinfurmawna jekk għandhom oġġezzjoni. Is-Sindku ser jipprepara l-ittri sabiex inkunu nistgħu nibgħatuhom lir-residenti.

## 49.10 Ġieħ Ħal Balzan 2022

49.10.1.1 Nominazzjonijiet għall-Premju Ġieħ Ħal Balzan 2022
Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Lokali
Il-Viċi Sindku, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, innominat lill-Mary Rose Cutajar. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

49.10.1.2 Is-Sindku innomina lill-Gabriel Muscat. Din in-nomina mhux valida għax mhux resident Ħal Balzan.

49.10.2.1 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Nazzjonali
Il-Kunsillier Andrè Grech, li kien is-sekondat mis-Sindku, innomina lill-Renato Micallef

49.10.2.2 Is-Sindku innomina lill-Kumitat tan-Nar San Gabriel

49.10.2.3 Il-Viċi Sindku, li kienet issekondata mis-Sindku, innominat lir-Rogolin Bakery.

49.10.2.4 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament approva li Rogolin Bakery jingħata Ġieħ Ħal Balzan Nazzjonali. Kien hemm qbil ukoll li lill-Kumitat tan-Nar San Gabriel jingħata rikonoxximent għall-kisba tagħhom.

49.10.3.1 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Internazzjonali
Il-Viċi Sindku, li kienet issekondata mis-Sindku, innominat lill-Mikela Riolo.

49.10.3.2 Is-Sindku, li kien is-sekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, innomina lill-Julian Bajada.

49.10.3.3 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament qabel li għal din is-sena jagħmel eċċezzjoni u Ġieħ Ħal Balzan Internazzjonali jingħata kemm lill-Mikela Riolo, kif ukoll lill-Julian Bajada.

49.10.4 Id-data, kif ukoll il-programm għal Jum Ħal Balzan jiġu deċiża aktar 'il quddiem.

## 49.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

49.16.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 07/22, li tinkludi l-ammont ta' €83.18c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2022.

49.16.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kirja tal-garaxx li qed jintuża mill-Kunsill bħala *store* kienet sal-aħħar ta' Ġunju 2021. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva li jġedded il-kirja għal sena bl-istess kundizzjonijiet u għall-ammont ta' €2,000. Il-pagament jinsab inkluż f'din l-iskeda ta' pagamenti.

49.16.3 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

49.16.4 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa assentat ruħha mill-approvazzjoni tal-pagament nru. 55 (transazzjoni nru. 214/22) peress li, hi flimkien mar-raġel tagħha huma l-propjetarji l-uffiċċju tal-Kunsill.

## 49.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

49.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.55pm.

49.17.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 25 ta' Awwissu 2022 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 25 ta' Awwissu 2022.

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv